

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13261/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0214(COD)

CODEC 1440
AVIATION 238
COVID-19 156
PE 119

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tas-solliet temporanju mir-regoli dwar l-użu tas-slots fl-ajruporti tal-Komunità minħabba l-pandemija tal-COVID-19 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-3 sas-6 ta' Ottubru 2022)

I. INTRODUZZJONI

Wara li l-plenarja tal-PE approvat it-talba tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) biex jipproċedi skont l-Artikolu 163 (proċedura urġenti) fl-4 ta' Ottubru 2022, PPE, S & D, Renew u Ħodor/AHE ppreżentaw emenda waħda (l-emenda 1). Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-6 ta' Ottubru 2022, il-plenarja adottat l-emenda 1 għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq u mbagħad adottat il-proposta b'din l-emenda fil-votazzjoni finali tagħha.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emenda għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2022)0348

Ir-regoli dwar l-użu tas-slots fl-ajruporti tal-Unjoni: solliet temporanju *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tas-solliet temporanju mir-regoli dwar l-użu tas-slots fl-ajruporti tal-Komunità minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022)0334 – C9-0225/2022 – 2022/0214(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: L-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0334),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0225/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Settembru 2022²,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P9_TC1-COD(2022)0214

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Ottubru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tas-sollietw temporanju mir-regoli dwar l-użu tas-slots fl-ajruporti tal-Unjoni ■ minħabba sitwazzjoni epidemjoloġika jew aggressjoni militari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁴,

³ Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2022.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93⁵ ġie emendat kemm-il darba mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 'l hawn peress li r-rekwiżit stabbilit b'dak ir-Regolament li joperaw mill-inqas 80 % ta' serje ta' slots biex jinżamm id-dritt għall-istess serje ta' slots fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li kien imiss ma baqax sostenibbli għat-trasportaturi tal-ajru fid-dawl ta' tnaqqisiet qawwijin fil-livelli tat-traffiku tal-ajru.
- (2) Iċ-ċifri ppubblikati mill-Eurocontrol, li hija l-maniġer tan-network għall-funzjonijiet tan-network tat-traffiku tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew, juru li t-traffiku tal-ajru rkupra bil-kbir mill-bidu tal-perjodu ta' skedar tas-sajf 2022, u li t-traffiku tal-ajru fil-bidu tal-perjodu ta' skedar tax-xitwa 2022/2023 mistenni jkun madwar 90 % tal-livelli fl-2019 skont il-previżjoni bażi. Dawk iċ-ċifri jiġġustifikaw ritorn għar-rekwiżit tal-użu tas-slots ta' 80 % bħala regola ġenerali ***għall-perjodu ta' skedar tas-sajf 2023***, flimkien ma' tnaqqis speċifiku fl-użu tas-slots meta jkun hemm nuqqas ġustifikat ta' użu ta' slots.
- (3) Madankollu, minħabba l-kriżi tal-COVID-19, is-sitwazzjoni fis-settur tal-avjazzjoni għadha inċerta ħafna. Kif ġara fl-aħħar tal-2021, jaf ifeġġu varjanti ġodda tal-COVID-19 u jikkawżaw reazzjonijiet għal għarrieda kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-konsumaturi li min-naħa tagħhom jistgħu jaffettwaw ħażin lit-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, ċerti swieq fuq distanzi twal għadhom qed jintlaqtu minn miżuri sanitarji li jxekklu serjament it-traffiku tal-ajru.
- (4) Il-***gwerra ta'*** aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed tħalli wkoll impatt fuq it-traffiku tal-ajru u fuq il-kapaċità tat-trasportaturi tal-ajru li joperaw is-slots tagħhom peress li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni mhumiex jitħallew jidħlu fl-ispazju tal-ajru tal-Belarussja, tar-Russja u tal-Ukrajna.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

- (5) Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti mill-istat għal raġunijiet sanitarji u l-impossibbiltà li wieħed jidħol fl-ispazju tal-ajru ta' dik li saret żona tal-gwerra huma lil hinn mill-kontroll tat-trasportaturi tal-ajru. Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jwasslu għall-kanċellazzjoni volontarja jew obbligatorja tas-servizzi tal-ajru tagħhom jew għall-aġġustament tal-iskedi. B'mod partikolari, il-kanċellazzjonijiet volontarji jħarsu s-saħħa finanzjarja tat-trasportaturi tal-ajru u fl-istess ħin jevitaw l-impatt ambjentali negattiv ikkawżat mit-titjiriet operati biss biex iżommu s-slots tagħhom.
- (6) F'dawk iċ-ċirkostanzi, it-trasportaturi tal-ajru **li jonqsu** milli jużaw is-slots tagħhom skont ir-rata tal-użu tas-slots ■ stabbilita fir-Regolament (KEE) Nru 95/93 jenħtieġ li ma **jtilfux** awtomatikament il-preċedenza **fir-rigward tas-serje ta' slots** stipulata fl-Artikoli 8(2) u 10(2) ta' dak ir-Regolament, li **setgħu** jgawdu minnhom f'ċirkostanzi oħra. Għal dan il-għan, **jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi** regoli speċifiċi ■ .
- (7) Fl-istess ħin, hu importanti li jifakkru l-oġġettivi tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, li huma b'mod partikolari li jkun aċċertat l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruporti u li jkun aċċertat aċċess ġust għat-trasportaturi tal-ajru kollha għal kapaċità limitata tal-ajruporti, biex b'hekk tiġi promossa l-kompetizzjoni. Jenħtieġ li l-aġġustament tar-rekwiżiti tal-użu normali tas-slots billi tonqos ir-rata tal-użu jew billi jiġu estiżi xi eċċezzjonijiet tan-nuqqas ġustifikat ta' użu jkun limitat strettament għal sitwazzjonijiet meta s-solliev mill-użu tas-slots ikun neċessarju u jenħtieġ li ma johlqx vantaġġi kompetittivi inġusti lil dawk it-trasportaturi tal-ajru li jkollhom slots storiċi.
- (8) B'mod partikolari, huwa neċessarju li jkun aċċertat li t-trasportaturi tal-ajru li huma disposti li jipprovdu s-servizzi, jitħallew jużaw kapaċità mhux użata u jkollhom il-possibbiltà li jżommu dawk is-slots fit-tul. Jenħtieġ li jinżammu l-inċentivi tat-trasportaturi tal-ajru ħalli tintuża l-kapaċità tal-ajruporti, li min-naħa tagħha hija ta' benefiċċju għall-konsumaturi.

- (9) Għalhekk huwa neċessarju li jiġu stipulati, f'konformità ma' dawk il-prinċipji u għal perjodu limitat, il-kundizzjonijiet li skonthom it-trasportaturi tal-ajru jibqgħu intitolati għas-serje tas-slots skont l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, u jiġu stabbiliti rekwiżiti għat-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jirrilaxxaw il-kapaċità mhux użata. Il-perjodu jenħtieġ li jibda jiddekorri mit-**30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023 bi qbil mal-irkupru previst mill-Eurocontrol.**
- (10) Waqt dan il-perjodu, id-definizzjoni tat-terminu "membru ġdid" jenħtieġ li tinżamm wiesgħa sabiex jiżdied l-għadd ta' trasportaturi tal-ajru koperti, u b'hekk aktar trasportaturi tal-ajru jingħataw l-opportunità li jistabbilixxu u jespandu l-operazzjonijiet tagħhom.
- (11) Mit-**30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023**, is-sistema tal-allokazzjoni tas-slots jenħtieġ li tibqa' tirrikonoxxi l-isforzi tat-trasportaturi tal-ajru li jkunu operaw titjiriet bl-użu ta' slots li huma parti minn serje li trasportatur tal-ajru ieħor huwa intolat għaliha skont l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, iżda li jkunu ngħataw lill-koordinatur tas-slots għal riallokazzjoni temporanja. Għalhekk, it-trasportaturi tal-ajru li jkunu operaw ■ mill-inqas ħames slots ta' serje jenħtieġ li jingħataw prijorità għall-allokazzjoni ta' dawk is-serje fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss, soġġetta għad-disponibbiltà tal-kapaċità tal-ajruport.
- (12) Biex jiġu indirizzati l-effetti tal-**gwerra ta'** aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-konnettività bejn l-Unjoni u l-Ukrajna, huwa neċessarju li jiġi estiż il-perjodu li matulu l-operaturi jkunu jistgħu jiddependu fuq ir-raġuni stipulata fl-Artikolu 10(4), il-punt (a), tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 biex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' użu tas-serje tas-slots fir-rotot bejn l-Unjoni u l-Ukrajna.

- (13) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-regoli stipulati fit-Trattati u fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, il-konsegwenzi negattivi fuq il-kapaċità tal-passiġġieri li jivvjaġġaw minħabba r-restrizzjonijiet possibbli adottati mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi terzi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi, diżastri naturali jew taqlib politiku, **bħal rewwixti, irvellijiet jew diżordni pubbliku severi**, ma jistgħux jiġu attribwiti lit-trasportaturi tal-ajru u jenħtieġ li jiġu mitigati meta dawk il-miżuri jħallu impatt sinifikanti fuq il-vijabbiltà jew il-possibbiltà tal-ivvjaġġar jew fuq id-domanda għar-rotot ikkonċernati. Il-miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jaċċertaw li t-trasportaturi tal-ajru ma jiġux penalizzati għan-nuqqas tal-użu tas-slots meta dak in-nuqqas jiġri minħabba restrizzjonijiet bħal dawk.
- (14) Biex jonqos ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex ikun aċċertat l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruporti, jenħtieġ li s-solliev speċifiku mill-effetti tal-impożizzjoni ta' dawk ir-restrizzjonijiet ikollu tul ta' żmien u ambitu limitati, b'hekk ikun aċċertat li l-effett tal-miżuri ta' mitigazzjoni jkun limitat għall-perjodu meta kienu ġustifikati. Slots koperti minn tali **miżuri li jtaffu l-effett** tar-restrizzjonijiet jenħtieġ **li jitqiesu li ġew operati għall-finijiet tar-Regolament (KEE) Nru 95/93**.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

- (15) Huwa neċessarju li jiġi ċċarat li d-dispożizzjonijiet dwar in-nuqqas ġustifikat ta' użu tal-eċċezzjonijiet tas-slots ma japplikawx għat-trasportaturi tal-ajru li huma l-oġġett ta' miżuri restrittivi adottati skont ***l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jew l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, jew għat-trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni li huma elenkati fl-Anness A jew B tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006⁷. Biex tkun aċċertata l-applikazzjoni effettiva ta' dawk il-miżuri, l-impossibbiltà li jiġu invokati d-dispożizzjonijiet dwar in-nuqqas ġustifikat ta' użu tas-slots jenħtieġ li tapplika wkoll għat-trasportaturi tal-ajru li diġà huma l-oġġett ta' miżuri restrittivi bħal dawn fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (16) Il-kooperazzjoni bejn il-koordinaturi jenħtieġ li tissaħħaħ biex tkun aċċertata implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 madwar l-Unjoni.
- (17) ***Jenħtieġ li l-koordinaturi jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, inkluż permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Koordinaturi tal-Ajruporti (EUACA). L-EUACA hija mħeġġa tkompli toħroġ*** gwida biex tiġi aċċertata implimentazzjoni armonizzata tar-regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjoni dwar il-mitigazzjoni tar-restrizzjonijiet. ***Barra minn hekk, jekk il-mitigazzjoni tiġix applikata jew le hija biċċa informazzjoni importanti għat-trasportaturi tal-ajru meta jkunu qed jippjanaw l-iskedi tagħhom. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi aċċertata komunikazzjoni trasparenti mill-koordinaturi.***

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

- (18) Filwaqt li miżuri li jtaffu r-restrizzjonijiet jenħtieġ li jiġu interpretat b'mod strett peress li dawn jirrappreżentaw eċċezzjoni għar-rekwiżiti tal-użu normali tas-slots, f'ċerti każijiet jenħtieġ li jkun possibbli li tintalab azzjoni komuni mill-koordinaturi kollha biex ikunu aċċertati kundizzjonijiet ekwivalenti madwar l-Unjoni. Skont ċerti kundizzjonijiet u abbażi ta' deċiżjoni unanima, il-koordinaturi **jenħtieġ li jkunu jistgħu** japplikaw dik id-dispożizzjoni għas-slots kollha miżmuma fl-ajruporti kkoordinati.
- (19) ***Ir-robustezza tal-previżjonijiet tat-traffiku għall-perjodu ta' skedar tax-xitwa 2022/23 hija affettwata b'mod negattiv mill-inċertezza dwar l-evoluzzjoni ta' diversi kriżijiet, b'mod partikolari s-sitwazzjoni fl-Ukrajna u l-kriżi tal-COVID-19. Konsegwentement, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jiġu rilaxxati, sa fejn ikun meħtieġ, mir-rekwiżiti li joperaw slots sabiex jinżamm id-dritt għall-istess slots fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss. Dan jippermetti lit-trasportaturi tal-ajru jżidu l-forniment ta' servizzi meta ċ-ċirkostanzi jippermettu, bil-ħsieb li jiġu applikati r-regoli normali għall-operat tas-slots mill-perjodu ta' skedar tas-sajf 2023, soġġett għal dawk l-adattamenti magħmula mill-Kummissjoni f'ċirkostanzi speċifiċi biex tirreaġixxi għal ċerti sfidi għas-settur tat-trasport bl-ajru.***

(20) Biex jiġi indirizzat l-impatt li qed jevolvi tal-kriżi tal-COVID-19 *jew ta' sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi oħra, kif ukoll* l-impatt devastanti dirett tal-*gwerra ta'* aggressjoni tar-Russa kontra l-Ukrajna fuq it-traffiku tal-ajru u biex tiġi appoġġata l-konnettività mill-Ukrajna u lejha, u biex ikun hemm rispons flessibbli, meta strettament neċessarju u ġustifikat, għall-isfidi li s-settur tat-trasport bl-ajru qed jiffaċċa bħala konsegwenza, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 *TFUE* jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-valuri perċentwali tar-rata minima tal-użu f'ċerta firxa u għal kwalunkwe perjodu ta' skedar fil-perjodu mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-**28 ta' Ottubru 2023** bi qbil mal-irkupru previst mill-Eurocontrol u fir-rigward tal-emendar tal-valuri perċentwali tar-rata minima tal-użu f'ċerta firxa għar-rotot bejn l-Unjoni u l-Ukrajna u għal kwalunkwe perjodu ta' skedar mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-**28 ta' Ottubru 2023**. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸. B'mod partikolari, biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

⁸ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (21) L-ajruporti, il-fornituri tas-servizzi tal-ajruport u t-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jiġu informati dwar il-kapaċità disponibbli għall-finijiet ta' ppjanar adegwat. It-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jibqgħu jagħmlu disponibbli lill-koordinatur kull slot li ma jkunx beħsiebhom jużaw, minn kmieni kemm jista' jkun u sa tliet ġimgħat qabel id-data ppjanata tal-operat tas-slots, ħalli l-koordinatur ikun jista' jirriallokahom lil trasportaturi tal-ajru oħrajn. Meta t-trasportaturi tal-ajru jonqsu ripetutament milli jikkonformaw ma' **dak** ir-reqwizit, jenħtieġ li ma jibbenefikawx minn rata mnaqqa tal-operat tas-slots.
- (22) Meta koordinatur ikun sodisfatt li trasportatur tal-ajru jkun waqaf jopera f'ajruport, il-koordinatur jenħtieġ li jieħu minnufih is-slots mingħand it-trasportatur tal-ajru inkwistjoni u jqegħedhom fil-ġabra tas-slots għal riallokazzjoni lil trasportaturi oħra.
- (23) Il-projbizzjoni fuq it-trasportaturi tal-ajru milli jtiru fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi adottati skont l-**Artikolu 29 TUE jew l-Artikolu 215 TFUE** jew ta' projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 tista' tikkawża l-imblukkar mhux ġustifikat ta' slots fl-ajruporti tal-Unjoni. Filwaqt li s-slots użati qabel minn trasportaturi tal-ajru bħal dawn jistgħu jiġu riallokati fuq bażi ad hoc tul il-perjodu ta' skedar, dan ma **jħeġġiġx** biżżejjed l-użu effiċjenti tas-slots li jippermetti lil-linji tal-ajru jżidu l-kompetizzjoni u l-konnettività fit-tul għall-benefiċċju tal-konsumaturi. Għalhekk, is-slots jenħtieġ li jiġu rtirati minnufih mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati.

- (24) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi u s-solliev mir-regoli ġenerali dwar l-użu tas-slots għal perjodu ta' żmien limitat, ħalli jittaffew l-effetti *ta'* kriżi *epidemjoloġika* u tal-*gwerra ta'* aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq it-traffiku bl-ajru, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

- (25) Minħabba l-urġenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mal-kriżi tal-COVID-19 u l-*gwerra ta'* aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni, meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (26) Biex tkun aċċertata l-applikazzjoni malajr tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li bħala kwistjoni ta' urġenza, dan jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 huwa emendat kif ġej:

(1) **L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:**

(a) **fil-punt (ba), il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"matul il-perjodu **mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023**, "membru ġdid" għandha tfisser:";

(b) **fil-punt (f), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"trasportaturi tal-ajru" għandha tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenzja valida biex topera jew ekwivalenti mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar għall-perjodu ta' skedar tas-sajf li jkun imiss jew fil-31 ta' Awwissu għall-perjodu ta' skedar tax-xitwa li jkun imiss; għall-finijiet tal-Artikoli 4, 8, 8a, 10 u 10a, id-definizzjoni ta' trasportatur tal-ajru għandha tinkludi wkoll operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali, meta joperaw skont skeda; għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 14, id-definizzjoni ta' trasportatur tal-ajru għandha tinkludi wkoll l-operaturi kollha tal-inġenji tal-ajru ċivili;";

(2) **L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:**

(a) **fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 8a u 9, l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 14, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika meta l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:";

(b) fil-paragrafu 2a, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2a. Matul il-perjodu *mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023*, u soġġetta għad-disponibbiltà tal-kapaċità fl-ajruport, serje tas-slots li ġiet ritornata fil-ġabra tas-slots f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi tmiem il-perjodu ta' skedar (il-"perjodu ta' skedar ta' referenza") għandha, fuq talba, tiġi allokata għall-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss lil trasportatur tal-ajru li jkun opera mill-inqas ħames slots tas-serje inkwistjoni wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 10a(7) matul il-perjodu ta' skedar ta' referenza.";

(c) il-paragrafu 6a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6a. Fil-perjodu meta japplikaw il-parametri ta' koordinazzjoni tal-COVID-19, u sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati kif xieraq dawn il-parametri ta' koordinazzjoni, il-koordinatur jista', **wara li jkun sema' lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat**, jemenda l-ħin tas-slots mitluba jew allokati li jkun fil-perjodu speċifikat *mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023* jew jikkancellahom. F'dan il-kuntest, il-koordinatur għandu jqis ir-regoli u l-linji gwida addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fih.";

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) **jitħassar** il-paragrafu 2a;

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

- il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) proċedimenti ġudizzjarji li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 **ta' dan ir-Regolament** għar-rotot meta jkunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 li jirriżultaw fis-sospensjoni temporanja tal-operat ta' dawk ir-rotot.";

- jitħassar il-punt (e);

(ii) jitħassru t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi;

(iii) jinżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-impatt tal-**gwerra ta'** aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-qerda ta' infrastruttura kritika jaffettwaw il-kapaċità li jiġu pprovduti servizzi tal-ajru, kif ukoll id-domanda għal servizzi tal-ajru, il-koordinaturi għandhom japplikaw l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għar-rotot bejn l-Unjoni u l-Ukrajna għall-perjodu tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru **jew għall-għeluq tal-ajruporti, skont liema jseħħ l-aħħar**, u perjodu addizzjonali ■ ta' 16-il ġimgħa. Il-koordinatur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bid-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' 16-il ġimgħa";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4a. Barra minn hekk, matul il-perjodu *mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023*, in-nuqqas ta' użu ta' slot jista' jiġi ġġustifikat ukoll bl-introduzzjoni, mill-awtoritajiet pubbliċi, ta' restrizzjonijiet maħsuba biex jindirizzaw kull sitwazzjoni epidemjoloġika maġġuri, diżastru naturali jew taqlib politiku f'tarf tar-rotta li għaliha s-slot inkwistjoni jkun ġie operat jew kien ippjanat li jiġi operat, dment li daww *ir-restrizzjonijiet* iħallu impatt sinifikanti fuq il-possibbiltà tal-ivvjaġġar jew fuq id-domanda għall-ivvjaġġar, u li, fir-rotot ikkonċernati, ir-restrizzjonijiet iwasslu għal waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) għeluq parzjali jew sħiħ tal-fruntiera, tal-ajruport jew tal-ispazju tal-ajrutul parti sostanzjali tal-perjodu ta' skedar rilevanti;

(b) xkiel serju għall-kapaċità tal-passiġġieri li jivvjaġġaw ma' kwalunkwe trasportatur f'dik ir-rotta diretta matul parti sostanzjali tal-perjodu ta' skedar rilevanti, pereżempju, meta l-impediment ikun relatat ma' xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza, il-projbizzjoni ta' kull vjaġġ ħlief dak essenzjali, jew il-projbizzjonijiet fuq it-titjiriet minn jew lejn ċerti pajjiżi jew żoni ġeografiċi,

- ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, jew miżuri ta' kwarantina jew iżolament, fil-pajjiż jew fir-reġjun tal-ajruport tad-destinazzjoni (inkluż punti intermedji), dment li l-kwarantina ma tkunx tista' tiġi evitata permezz ta' test negattiv, prova ta' fejqan jew prova tat-tilqim rikonoxxuti mill-Unjoni,
 - ir-restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' servizzi essenzjali li jappoġġaw direttament l-operat tas-servizz tal-ajru, inkluż l-għeluq tas-servizzi tal-ospitalità u pubbliċi, inkluż it-trasport, li jikkawża tnaqqis serju fid-domanda f'wieħed mit-truf tar-rotta,
 - il-limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' passiġġieri għal kull titjira u frekwenzi għal kull trasportatur tal-ajru li jikkawżaw tnaqqis serju fid-domanda f'wieħed mit-truf tar-rotta;
- (c) ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-ekwipaġġ tal-linji tal-ajru li jfixxlu b'mod sinifikanti l-operat tas-servizzi tal-ajru minn jew lejn l-ajruporti servuti, inkluż projbizzjonijiet għal għarrieda fuq id-dħul jew il-waqfien mhux mistenni tal-ekwipaġġ minħabba miżuri ta' kwarantina, sakemm il-kwarantina ma tkunx tista' tinqabeż permezz ta' test negattiv, prova ta' fejqan jew prova tat-tilqim rikonoxxuti mill-Unjoni.

■

Dan il-paragrafu għandu japplika għall-perjodu li fih japplikaw ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu u għal perjodu sa sitt ġimgħat addizzjonali, soġġett għat-*tielet u r-raba'* subparagrafi. Madankollu, meta dawk ir-restrizzjonijiet ma jibqgħux japplikaw anqas minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tal-perjodu ta' skedar, dan il-paragrafu għandu japplika għall-bqija tal-perjodu ta' sitt ġimgħat biss meta s-slots fil-perjodu ta' skedar sussegwenti jintużaw għall-istess rotta.

Dan il-paragrafu għandu japplika biss għas-slots użati għar-rotot li għalihom kienu diġà ntużaw qabel il-pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Dan il-paragrafu għandu jjeqaf japplika meta t-trasportatur tal-ajru, li juża s-slots inkwistjoni, jibdel rotta li ma tkunx affettwata mir-restrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Meta maġġoranza ta' Stati Membri li jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni japplikaw ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-possibbiltà tal-ivvjaġġar jew fuq id-domanda għall-ivvjaġġar u li jwasslu għal kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu, kull koordinatur jista', wara deċiżjoni unanima mill-koordinaturi tal-ajruporti kkoordinati kollha tal-Komunità sabiex in-nuqqas ta' użu ta' slots ikun iġġustifikat b'mod ġenerali u n-notifika tiegħu minnhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, japplika dan il-paragrafu għas-slots kollha miżmuma f'tali ajruporti għat-tul tar-restrizzjonijiet li jkunu fis-seħħ u sa sitt ġimġat addizzjonali, dment li dawk ir-restrizzjonijiet jaffettwaw għadd sinifikanti ta' rotot lejn jew minn ajruport Komunitarju, u b'hekk jagħmlu t-traffiku tal-ajru fl-Unjoni fil-parti l-kbira mhux vijabbli jew iwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwivalenti.

- 4b. Meta n-nuqqas ta' użu ta' slot ikun iġġustifikat mir-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 jew 4a, il-koordinaturi għandhom iqisu li s-slot ġie operat fis-serje tas-slots ikkonċernati.*

- 4c. It-trasportaturi ***tal-ajru*** li l-operat tagħhom huwa mxekkel minn miżuri restrittivi adottati skont ***l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jew l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, inklużi dawk fis-seħħ fi... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] u t-trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni li huma elenkati fl-Anness A jew B tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006* ***ma għandhomx ikunu intitolati li jinvokaw ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' użu tas-slots skont il-paragrafi 4 u 4a ta' dan l-Artikolu.***

Madankollu, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta tali trasportaturi tal-ajru jitħallew joperaw inġenji tal-ajru mikrija bl-ekwipaġġ ta' trasportatur tal-ajru li l-operat tiegħu ma jkunx imfixkel minn tali miżuri restrittivi u li ma jkunx soġġett għal tali projbizzjoni fuq l-operat, huma jistgħu jinvokaw ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' użu tas-slots skont il-paragrafi 4 u 4a, dment li jkun hemm konformità mar-regoli tas-sikurezza applikabbli fl-Unjoni.

- 4d. Il-koordinaturi għandhom jiskambjaw regolament l-aqwa prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 4 u 4a bil-għan li jiżguraw applikazzjoni koerenti u konsistenti madwar l-Unjoni.

Il-koordinaturi għandhom jipubblikaw u jaġġornaw regolament il-lista tad-destinazzjonijiet li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 u 4a.

-
- * Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 4a mill-koordinatur ta' ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

- (4) L-Artikolu 10a huwa emendat kif ġej:
- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Artikolu 10a

Allokazzjoni ta' slots b'reazzjoni għal *ċerti sitwazzjonijiet ta' kriżi*";

- (b) jitħassru l-paragrafi 1, 2 u 4;
- (c) *il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. Matul il-perjodu mit-30 ta' Ottubru 2022 sal-25 ta' Marzu 2023 u għall-finijiet tal-Artikolu 8(2), l-Artikolu 10(2) u (4) u l-Artikolu 14(6), l-ewwel subparagrafu, jekk trasportatur tal-ajru juri għas-sodisfazzjon tal-koordinatur li opera s-serje ta' slots li ġiet allokata lilu, kif awtorizzata mill-koordinatur, għal mill-inqas 75 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih ġiet allokata, dak it-trasportatur tal-ajru għandu jkun intitolat l-istess serje ta' slots għall-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss."

(d) il-**paragrafu** 5 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"5. Meta d-data ppubblikata mill-Eurocontrol turi b'mod ċar li t-traffiku tal-ajru ta' kull ġimgħa, **matul perjodu ta' ġimagħtejn konsekuttivi**, naqas taħt it-80 % tal-livelli tal-2019 tal-ġimgħat korrispondenti, minħabba l-kriżi tal-COVID-19, sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi oħra jew bħala effett dirett tal-**gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**, u li, abbażi tal-previżjonijiet tat-traffiku tal-Eurocontrol, it-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru meta mqabbel mal-livell fil-perjodu korrispondenti fl-2019 x'aktarx li jippersisti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a biex temenda l-valuri perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 8(2), l-Artikolu 10(2) **u (4) u l-Artikolu 14(6), l-ewwel subparagrafu**, f'firxa ta' bejn 0 % u 70 % għal kwalunkwe perjodu ta' skedar **li jaqa' bejn it-30 ta' Ottubru 2022 u t-28 ta' Ottubru 2023. Il-valur perċentwali applikat għandu jkun proporzjonali għal-livell tal-previżjonijiet tat-traffiku tal-ajru mill-Eurocontrol.** ■

Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi kollha li ġejjin:

- (a) id-data ppubblikata mill-Eurocontrol dwar il-livelli tat-traffiku u l-previżjonijiet tat-traffiku;
- (b) indikaturi relatati mad-domanda għat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u tal-merkanzija, inkluż ix-xejriet dwar il-prenotazzjonijiet bil-quddiem, l-iskedi ppjanati tal-linji tal-ajru, id-daqs tal-flotta, l-użu tal-flotta, u l-fatturi tat-tagħbija;

- (c) miżuri ta' awtoritajiet pubbliċi relatati mal-**kriżi tal-COVID-19** jew sitwazzjoni epidemjoloġika **oħra** li tikkawża effett sinifikanti fuq il-livelli tat-traffiku tal-ajru minn u lejn l-ajruporti tal-Unjoni, riprogrammar sfurzat tar-rotot minħabba għeluq tal-ispazju tal-ajru jew projbizzjoni fuq it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni milli jidħlu fi spazju tal-ajru ta' pajjiż terz, filwaqt li jitqies il-parir tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Bullettin ta' Informazzjoni tagħha dwar iż-Żona ta' Kunflitt;
- (d) data miċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard u mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-COVID-19 jew dwar sitwazzjoni epidemjoloġika oħra kkaratterizzata bħala kontaġjuża ħafna u li aktarx twassal għal tnaqqis serju fir-ritmu tal-ivvjaġġar bl-ajru.

Bil-ħsieb tat-tħejjija tal-iskedi mit-trasportaturi tal-ajru qabel il-perjodu ta' skedar, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tadotta dawk l-atti delegati skont dan il-paragrafu qabel il-bidu tal-perjodu ta' skedar, sabiex it-trasportaturi tal-ajru jkunu jistgħu jippjanaw l-iskedi ta' titjir tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tadotta tali atti matul il-perjodu ta' skedar f'każ ta' ċirkostanzi imprevisti."

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Meta l-Kummissjoni ssib li minħabba l-qerda tal-infrastruttura u l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien ikkawżati mill-**gwerra ta'** aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-restawr gradwali tat-traffiku tal-ajru bejn l-Ukrajna u l-Unjoni jkun jeħtieġ tnaqqis fir-rata tal-użu għar-rotot li jservu lill-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a biex temenda l-valuri perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 8(2), l-Artikolu 10(2) **u (4)** u l-Artikolu 14(6), l-ewwel subparagrafu, f'firxa ta' bejn 0 % u 70 % għas-slots użati għar-rotot minn u lejn l-Ukrajna għal kwalunkwe perjodu ta' skedar fil-perjodu ***li jaqa' bejn it-30 ta' Ottubru 2022 u t-28 ta' Ottubru 2023.***

Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin:

- (a) id-data ppubblikata mill-Eurocontrol dwar il-livelli tat-traffiku u l-previżjonijiet tat-traffiku tar-rotot bejn l-Unjoni u l-Ukrajna;
- (b) indikaturi relatati mad-domanda għat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u tal-merkanzija, inkluż ix-xejriet fil-prenotazzjonijiet bil-quddiem u l-iskedi ppjanati tal-linji tal-ajru;
- (c) riprogrammar sfurzat tar-rotot minħabba għeluq tal-ispazju tal-ajru jew projbizzjoni fuq it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni milli jidħlu fi spazju tal-ajru ta' pajjiż terz filwaqt li jitqies il-parir tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Bullettin ta' Informazzjoni tagħha dwar iż-Żona ta' Kunflitt.";

(f) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

- "6. Meta, bħala riżultat tal-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19, ta' sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi oħra jew tal-effetti diretti tal-**gwerra ta'** aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jeżiġu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.
7. Matul perjodu **meta s-solliev mill-użu tas-slots japplika skont** il-paragrafu 3, 5 **jew 5a ta' dan l-Artikolu**, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jagħmlu disponibbli kull slot li ma jkunx beħsiebhom jużaw, sa tliet ġimgħat qabel id-data ppjanata tal-operat, ħalli l-koordinatur jirrialloka hom lil trasportaturi tal-ajru oħrajn. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (4a), fejn** trasportatur tal-ajru jonqos milli jagħmel disponibbli lill-koordinatur aktar minn tliet slots f'serje f'konformità ma' dan il-paragrafu, dak it-trasportatur għandu jkun intitolat għas-serje kollha tas-slots fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss biss jekk is-serje kollha tas-slots tkun ġiet operata, **jew jekk is-serje kollha tas-slots titqies li tkun ġiet operata f'konformità mal-Artikolu 10(4b)**, mit-trasportatur għal mill-inqas 80 % tal-ħin, irrISPETTIVAMENT minn jekk l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10(2) ikunux ġewx emendati mill-att delegat imsemmi f'dan l-Artikolu.";

(5) *fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell taħt il-liġi nazzjonali, l-ilmenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2), l-Artikoli 8, 8a u 10, l-Artikolu 10a(7), l-Artikolu 14(1) sa (4) u l-Artikolu 14(6) għandhom jintbagħtu lill-kumitat ta' koordinazzjoni. Il-kumitat għandu, fi żmien perjodu ta' xahar wara s-sottomissjoni tal-ilment, jikkunsidra l-kwistjoni u jekk possibbli jagħmel proposti lill-koordinatur biex jipprova jsolvi l-problema. Jekk l-ilment ma jkunx jista' jiġi solvut, l-Istat Membru responsabbli jista', f'perjodu ieħor ta' xahrejn, jipprevedi medjazzjoni permezz ta' organizzazzjoni rappreżentattiva tat-trasportaturi tal-ajru jew tal-ajruport jew parti terza oħra.";

(6) *fl-Artikolu 12a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2. Is-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 10a għandha tingħata lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ottubru 2023.";

(7) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (4a), jekk ir-rata ta' użu ta' 80 % kif definita fl-Artikolu 8(2) ma tkunx tista' tinkiseb minn trasportatur tal-ajru, il-koordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak it-trasportatur tal-ajru s-serje tas-slots inkwistjoni għall-bqija tal-perjodu tal-iskedar u jqegħedhom fil-ġabra tas-slots li jkun sema' lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (4a), jekk wara ħin allokat li jikkorrispondi għal 20 % tal-perjodu tal-validità tas-serje, ma tintuża ebda slot ta' dik is-serje, il-koordinatur għandu jqiegħed is-serje tas-slots inkwistjoni fil-ġabra tas-slots għall-bqija tal-perjodu ta' skedar wara li jkun sema' lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat.

Matul il-perjodu mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023, meta koordinatur jiddetermina, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu, li trasportatur tal-ajru waqqaf l-operat tiegħu f'ajruport u ma għadux jista' jopera s-slots li jkunu ġew allokatil lilu, il-koordinatur għandu jirtira s-serje tas-slots inkwistjoni mingħand dak it-trasportatur tal-ajru għall-bqija tal-perjodu ta' skedar u jqegħedhom fil-ġabra tas-slots, wara li jkun sema' lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat.

Matul il-perjodu *mit-30 ta' Ottubru 2022 sat-28 ta' Ottubru 2023*, meta koordinatur jiddetermina, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu, li trasportatur tal-ajru li jkun soġġett għall-miżuri restrittivi adottati skont **l-Artikolu 29 TUE jew l-Artikolu 215 TFUE**, inkluż dawk fis-seħħ fi ...[**data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament **emendatorju**], jew li trasportatur tal-ajru li jkun soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni u jkun elenkat fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, ma jkunx jista' jopera slots għal parti sostanzjali tal-perjodu ta' skedar, il-koordinatur għandu, wara li jkun sema' lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat, jirtira s-serje tas-slots inkwistjoni mingħand dak it-trasportatur tal-ajru għall-bqija tal-perjodu ta' skedar u jqegħedhom fil-ġabra tas-slots.

Madankollu, meta trasportatur tal-ajru jkun soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni u jkun elenkat fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, u jitħalla jopera ingeni tal-ajru mikrija bl-ekwipaġġ ta' trasportatur tal-ajru li l-operat tiegħu ma jkunx imfixkel minn tali miżuri restrittivi u li ma jkunx soġġett għal tali projbizzjoni fuq l-operat, ir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għas-slots ta' dak it-trasportatur, dment li jkun hemm konformità mar-regoli tas-sikurezza applikabbli fl-Unjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
